

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-1 ta' Marzu 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel București – ir-Rumanija) – Colegiul Medicilor Veterinari din România (CMVRO) vs Autoritatea Națională Sanitară Veterinară și pentru Siguranța Alimentelor**

(Kawża C-297/16) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2006/123/KE — Servizzi fis-suq intern — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita għall-prattikanti veterinarji biss id-dritt għall-bejgħ bl-innut u għall-użu tal-prodotti organiċi, tal-prodotti kontra l-parassiti kif ukoll tal-prodotti mediċinali veterinarji — Libertà ta' stabbiliment — Rekwiżit li l-kapital tal-istabbilimenti li jbigħu bl-innut prodotti mediċinali veterinarji jkun miżmum biss minn prattikanti veterinarji — Protezzjoni tas-saħħa pubblika — Proporzjonalità)*

(2018/C 142/04)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel București

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Colegiul Medicilor Veterinari din România (CMVRO)

Konvenuta: Autoritatea Națională Sanitară Veterinară și pentru Siguranța Alimentelor

**Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi, favur prattikanti veterinarji, esklużività tal-kummerċ bl-innut u tal-użu ta' prodotti organiċi, ta' prodotti kontra l-parassiti għal użu speċjali u ta' prodotti mediċinali għal użu veterinarju.
- 2) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/123 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi li l-kapital azzjonarju tal-istabbilimenti li jikkummerċjalizzaw bl-innut prodotti mediċinali veterinarji jinżamm esklużivament minn prattikant veterinarju wieħed jew iktar.

<sup>(1)</sup> ĠU C 314, 29.8.2016.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Frar 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd**

(Kawża C-301/16 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Politika kummerċjali — Dumping — Importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina miċ-Ċina — Regolament (KE) Nru 1225/2009 — Artikolu 2(7)(b) u (ċ) — Status ta' impriża li topera fil-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq — Kunċett ta' "distorsjoni sinjifikattiva miġrura mis-sistema ekonomika ta' qabel li ma kinitx tas-suq", fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(7)(ċ) — Vantaġġi fiskali)*

(2018/C 142/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn u T. Maxian Rusche, aġenti)